# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-10 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 540/2022 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**NC**

**U**

**MZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' NC u MZ datat 11 ta' Ottubru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (22/11/1996) fil-knisja Parrokjali ta' Haz-Zabbar. Anness ic-certifikat taz-zwieg (Dok 'A');*

2) *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg subien, K, li twieled f'X, u R, li twieled f'Y, ahwa C, u ghalhekk illum it-tnejn maggiorenni.*

3) *Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, in atti tan-Nutar Dottoresa, Rachel Busuttil, data id-disgha ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (09/08/2012). Kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hija esebita u mmarkat bhala Dok 'B';*

4) *Illi llum il-gurnata m'hemm ebda prospett ragonevoli li l-partijiet jirrikonciljaw,*

*u dan stante li l-istess partijiet ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn ghaxar snin sena;*

5) *Illi, in oltre, ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju u dan stante li l-partijiet irrinunzjaw ghall-manteniment fil-konfront ta' xulxin kif hemm stipulat fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. Fir-rigward tal-ulied il-partijiet qeghdin jiddikjaraw li ma hemmx l-pendenza ta' manteniment, u in oltre, l-istess ulied ghandhom xoghol full-time;*

6) *In oltre, qieghed jigi pprezentat l-Affidavit ta' NC, liema Affidavit jinsab esebit u mmarkat bhala Dok 'C', mentri l-Affidavit ta' MZ hu mmarkat bhala Dok 'D';*

7) *Illi l-partijiet jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul. Ghal dan il-ghan huma qeghdin jaghtu struzzjonijiet kongunti lill-avukat sottoskritt sabiex jirraprezentaw it-tnejn li huma f'dawn il-proceduri ta' hall ta' zwieg;*

8) *Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-ahhar emendi li saru permezz tal-Att XXV tal-2021, ossia l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta, u dan hekk kif emendat bl-imsemmi Att;*

*Ghaldaqstant, il-partijiet qeghdin umilment jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet, ossia NC u MZ, u tiddikjara z-zwieg taghhom, celebrat fit-tnejn u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (22/11/1996), mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili, u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u ghalhekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega f'dan is-sens fl-Atti taz-Zwieg tal-partijiet, u dan taht kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NC xehed** (vide affidavit Dok C, fol 13) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-22 ta' Novembru 1996 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Awwissu 2012, fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**MZ xehdet** (vide affidavit fol 15) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien***

*għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Novembru 1996, liema zwieg jgib certifikat numru 2085/1996 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A, fol 3). Minn dan

iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil nhar id-9 ta' Awwissu 2012 (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2085/1996 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**